### Attivitajiet għax-xahar ta' Gunju

**Il-Ġimgħa 3 ta' Ġunju: 8.30 p.m.** Project House Floriana. Illum se jkollna diskussjoni interessanti. Dettalji aktar tard.

**Il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju: 8.30 p.m.** Project House Floriana. Illum rappreżentanti tal-Hospice Malta se jżuruna biex nagħmlulhom donation fl-okkażjoni ta' Jum ir-Romol li taħbat nhar it-23 ta' Ġunju.

**Il-Ħadd 12 ta' Ġunju: 12.30 p.m**. illum se nikkomemoraw Jum ir-Romol billi mmorru għall-Buffet Lunch l-Alexandra Hotel ġo San Ġiljan. **Menu:**

- Salads and Antipasti; Cream of Vegetable Soup, Assorted crusty rolls, breakfast buns, brown bread and Maltese sliced
- Penne with Bacon and Mushroom/ Fusilli Bolognese
- Roast Loin of Pork/ Roast Chicken Legs/ Roast Beef in Garlic and Gravy Sauce/ Tuna Fish –Bon Assisi
- A selection of desserts from our Buffet counter.

Prezz: €20 minflok €25. Parking b'xejn mal-booking ġo Portomaso. Booking ma Catherine Deguara mob. no. 99278570.

**Il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju: 8.30 p.m.** Project House Floriana. Illum Fr. Saviour Chircop se jqaddsilna quddiesa għall-okkażjoni ta' Jum il-Missier. Jingħata rigal tifkira tal-okkażjoni.

**Il-Ġimgħa 24 ta' Ġunju: 8.00 p.m.** Illum se niċċelebraw il-birthday celebrations ġol-L'Aroma Restaurant ġo Tas-Sliema. **Menu:**

Starter: Spaghetti Bolognese/Vegetable Soup

Main: PorkLoin/ Chicken Breast/ Merluzz fillets served with seasonal veg and potatoes

Glass of soft drink or wine, Birthday cake, Coffee

Price: €16. Booking ma' Joseph Bonello Mob. No. 99234677


**Chairperson: Maria Borg Mob. 9927 1981**

**Secretary: Louise Suda Mob. 9949 8784**

**Email: secretary@minusone.eu or info@minusone.eu**

**Find us on facebook: MinusOne Grp**

**https://minusonemalta.wordpress.com/**





**Volum 19** **Harga 6** **Gunju/Lulju 2016**

Għeżież ħbieb,

Reġa' wasal sajf ieħor u għalhekk dan huwa l-aħħar xahar li niltaqgħu ġewwa. Minn Lulju sa Ottubru nibdew niltaqgħu barra u ma mmorrux aktar ġo Project House għal tlett xhur sħaħ. Barra minn hekk, fis-Sajf ma' niltaqgħux kull ġimgħa iżda kull ħmistax għaliex fis-Sajf ħafna nies ikunu mpenjati bil-festi, preċettijiet, parties, safar eċċ. Għandna ħafna attivitatjiet interessanti għalikom dawn ix-xahrejn. Iżda l-aktar żewġ avvenimenti importatni huma Widow's Day li taħbat fit-23 ta' Ġunju, iżda li aħna se nikkomemoraw fit-12 ta' Ġunju billi mmorru Buffet Lunch. Għal dan il-jum mhux nieklu biss iżda nagħmlu xi ħaġa ta' ġid ukoll għax se nagħtu donazzjoni lil Hospice Malta.

Fix-xahar ta' Ġunju taħbat ukoll Father's Day u din se niċċelebrawha nhar is-17 ta' Ġunju billi Fr. Saviour iqaddsilna quddiesa għall-bżonnijiet tal-missirijiet mejtin u ħajjin. Għal din l-okkażjoni se nagħtu wkoll tifkira lil missirijiet kollha preżenti.

Punt li nixtieq inqajjem huwa li niftakru li l-grupp tagħna mhux dating agency imma Bereavement Support Group jiġifieri aħna qegħdin hemm biex ngħinu lil xulxin fit-trawma li għaddejna minnu. Jiena tul is-snin rajt ħafna nies jerġgħu iqumu fuq saqajhom permezz tal-grupp. U jeħtieġ li nibqgħu mexjin 'il quddiem f'din il-missjoni quddiem għajnejna. Nixtieq nagħmel appell lil min ikun irid jagħmel 'date' ma xi ħadd inkunu prudenti u ma niffittawx lil min ikun għax ikun hemm min jiddejjaq u ngerrxuh milli jiġi fil-grupp. U flok nagħmlulu l-ġid nagħmlulu d-deni. Jekk persuna qaltli li ma tridx toħroġ miegħi inħalluha bi kwieta, jekk jogħġobkom.

Appell żgħir tal-aħħar. Nitolbu għal dawk fostna li bħalissa għaddejjin minn problemi ta' saħħa u nagħtuhom is-sapport tagħna. U fl-aħħar nett nixtieq il-missirijiet kollha:

HAPPY FATHER'S DAY!

U lilna lkoll:

HAPPY WIDOW'S DAY!

Dejjem tagħkom,

*Maria*




**Attivitajiet għax-xahar ta' Lulju**

**Il-Ħadd 10 ta' Lulju:** Illum se mmorru ġurnata Għawdex. Niltaqgħu iċ-Ċirkewwa ġot-terminal fit-tmienja ta' filgħodu 8.00 a.m. Dettalji dwar menu u prezzijiet nagħtuhom aktar tard.

**Il-Ġimgħa 15 ta' Lulju:** Illum se mmorru Comino by Night fuq il-Vapur English Rose ma' Sandro. Din hija tradizzjoni ta' kull Sajf. Dejjem ħadna gost. Għalhekk nagħtukom parir ma titilfuhiex. Se jkollna ċans ngħumu, niżfnu mal-mużika li jipprovdi Sandro, nimxu xi mixja għad-dawl tal-qamar u nagħmlu BBQ pprovdut minn Sandro.

Nitilqu miċ-Ċirkewwa ħdejn il-gabbana tal-injam fil-5.00 p.m. Jekk jogħġobkom tiddardjawx għax ma nistennewx. Prezz €20 li jinkludi dgħajsa u BBQ.

**Il-Ġimgħa 29 ta' Lulju: 7.00 p.m.** Lestu s-siġġijiet, imwejjed, ikel, xorb u cardigan u ejjew ħa mmorru naraw inżul ix-xemx fuq l-irdumijiet ta' Ħad-Dingli. Picnic by night u mixja għal min irid.

Niltaqgħu fis-sebgħa ta filgħaxija 7.00 p.m. quddiem ir-Restaurant *'The Cliffs'*, naraw inżul ix-xemx u wara mmorru ħdejn il-kappella tal-Maddalena għal picnic.